**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Appell Numru: 372/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri )**

**vs**

**Albert BORG**

**Illum, 28 ta' Mejju 2025**

Il-Qorti,

Rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija nhar it-23 ta' Ottubru 2023 fil-konfront ta' **Albert BORG**, iben Julian u Maria nee` Micallef, imwieled San Ġiljan nhar l-24 ta' Settembru 1947 u residenti ġewwa 'Whitestar', Triq il-Latmija, Naxxar, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 838147(M), wara li ġie mixli talli:

Nhar is-17 ta' Mejju 2017, għall-ħabta tad-9.00 ta' filgħodu, f'San Pawl il-Baħar:

B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tiegħu jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, ikkaġuna l-mewt ta' Dennis Reid Monaghan, bi ksur tal-Artikolu 225(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba tikkunsidra lil **Albert BORG** bħala reċidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat (illum l-appellant) **Albert BORG** ħati tal-akkuża kif dedotta kontrih, filwaqt li lliberatu mill-addebitu tar-reċidiva stante li din ma ġietx ippruvata, u wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannat lill-istess imputat għal piena ta' sentejn (2) priġunerija sospiżi għall-erba' (4) snin.

   Il-Qorti tat lill-imputat l-ispjegazzjoni preskritta fl-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

   In oltre bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-appellant **Albert BORG** iħallas l-ammont ta' elfejn, tmien mija u disgħin ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€2,890.55), rappreżentanti spejjeż peritali naxxenti minn din il-kawża.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi **BORG** appella minn din is-sentenza u talab lil din il-Qorti sabiex "*tvarja s-sentenza appellata u dan billi tikkonfermaha f'dik il-parti li l-Qorti illiberat lill-appellant minn l-addebitu tar-ricediva, u thassar dik il-parti fejn sabitu hati u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull*

*htija u dan taht dawk il-kundizzjonijiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u gusti skond ic-cirkostanzi tal-kaz.*"

## D. IR-RISPOSTA TAL-AVUKAT ĠENERALI

4. Illi permezz tar-risposta intavolata minnu u għar-raġunijiet hemmhekk indikati, l-Avukat Ġenerali wieġeb illi din il-Qorti għandha tiċħad dan l-appell fl-intier tiegħu, u tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti.

## E. TRATTAZZJONI TAL-PARTIJIET

5. Illi din il-Qorti semgħet it-trattazzjoni tal-avukat difensur tal-appellant dwar il-mertu tal-appell, filwaqt illi semgħet lill-avukat mill-uffiċju tal-Avukat Ġenerali jiddikjara illi kien qed jistrieħ fuq ir-risposta tal-Avukat Ġenerali.

## F. IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

6. Illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi nhar is-17 ta' Mejju 2017, il-Pulizija ġewwa l-Għassa tal-Qawra rċevew telefonata fis-sens illi ġewwa Triq ir-Rizzi, San Pawl il-Baħar, kien hemm persuna fl-art. Għalhekk il-Pulizija marru mmedjatament fuq il-post, fejn fi Triq ir-Rizzi, kantuniera ma' Triq it-Tamar, ġewwa parapett ta' lukanda abbandunata, setgħu jaraw raġel b'wiċċu 'l isfel, f'għadira demm, li kien jidher li waqa' xi erba' filati 'l isfel mill-bankina tat-triq ġewwa l-istess parapett. Il-vittma ġie ċċertifikat mejjet fuq il-post minn Dr. Thea Chetcuti, miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta. Wara tfittxija fil-lukandi fl-istess inħawi, ġie stabbilit illi l-istess vittma kien turist ossia Dennis Monaghan Reid, ta' nazzjonalita` Ingliża. Ġie infurmat b'dan kollu l-Ispettur Godwin Scerri, li da parti tiegħu nforma lill-Maġistrat tal-Għassa, dak iż-żmien il-Maġistrat (illum l-Onor. Imħallef) Dr. Consuelo Scerri Herrera, li ħatret diversi esperti sabiex jassistuha fl-inkjesta dwar il-każ, ossia fost oħrajn, lil Dr. Mario Scerri, lil Prof. Marie Therese Camilleri u lil Dr. Ali Sarfraz. Jirriżulta in oltre illi fil-ħin illi kien hemm il-Pulizija fuq il-post, għadda

minn hemm u waqaf, ċertu **Albert BORG** u ċioe` l-appellant odjern, li għarraf lill-Pulizija li dik il-lukanda kienet tiegħu.

7. Sussegwentement, nhar it-22 ta' Ġunju 2017, l-Ispettur Godwin Scerri bagħat għall-appellant **BORG**, li ġie mitkellem dwar il-qtil involontarju tal-imsemmi Dennis Monaghan Reid fil-fond in kwistjoni u rrilaxxja stqarrija fl-istess jum.

8. Jirriżulta in oltre illi l-appellant ġie mixli bl-imputazzjonijiet odjerni b'ċitazzjoni datata 25 ta' Ottubru 2018, u deher għall-ewwel darba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-8 ta' Jannar 2019, f'liema seduta huwa rreġistra ammissjoni għall-istess imputazzjonijiet u ngħatat sentenza fil-konfront tiegħu. Sussegwentement, din is-sentenza ġiet appellata mill-appellant in kwantu huwa ma kienx debitament assistit mill-avukat tal-fiduċja tiegħu fl-imsemmija seduta tat-8 ta' Jannar 2019. Jirriżulta wkoll illi b'sentenza tat-23 ta' Jannar 2020, din il-Qorti kif diversament preseduta, annullat u ħassret is-sentenza appellata u bgħatet lura l-atti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex tisma' u tiddeċiedi l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant. Kif ingħad, l-appellant interpona l-appell tal-lum, wara s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-23 ta' Ottubru 2023, li permezz tagħha huwa nstab ħati tar-reat ikkontemplat fl-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

9. Illi <u>fl-ewwel gravam</u> li ġie sottopost mill-appellant għall-ġudizzju ta' din il-Qorti, huwa jsostni illi f'dan il-każ, il-Prosekuzzjoni kellha tipprova illi l-allegat inċident seħħ fis-17 ta' Mejju 2017, għall-ħabta tad-9.00 a.m., skont il-parametri taċ-ċitazzjoni odjerna, iżda mill-provi prodotti jirriżulta xort'oħra. L-appellant jirreferi għall-provi riżultanti mill-atti proċesswali f'dan ir-rigward, u jsostni illi "*zgur izda mhux forsi, l-incident ma sehhx fid-data u fil-hin ta' l-akkuza*" u illi għaldaqstant, huwa ma kellux jinstab ħati tal-ewwel imputazzjoni.

10. Illi din il-Qorti hija tal-fehma illi qabel xejn għandu jiġi trattat dan l-aggravju billi jista' jkollu effett fuq l-eżitu ta' dan l-appell.

11. Illi kif jgħid tajjeb l-appellant, miċ-ċitazzjoni odjerna jirriżulta illi l-ewwel imputazzjoni tirreferi għas-"*17 ta' Mejju 2017 għal ħabta tad-9:00 ta' filgħodu*", li jfisser għalhekk illi sabiex l-istess appellant jista' jinstab ħati

tal-istess imputazzjoni, jeħtieġ illi jiġi ppruvat, fil-grad rikjest mil-liġi, illi l-qtil involontarju seħħ proprju fis-17 ta' Mejju 2017, għall-ħabta tad-9.00 a.m. Din il-Qorti tirrileva illi ċ-ċitazzjoni, kif redatta, ma tħallix lok għal tiġbid jew interpretazzjoni wiesgħa tal-parametri temporali li fihom ġiet ċirkoskritta l-imputazzjoni in kwistjoni.

12. Jirriżulta mill-atti probatorji illi Dennis Reid Monaghan instab mejjet ġewwa San Pawl il-Baħar nhar is-17 ta' Mejju 2017. L-Ispettur Godwin Scerri jixhed illi huwa ġie nfurmat bil-każ odjern għall-ħabta tad-disgħa ta' filgħodu dakinhar tas-17 ta' Mejju 2017.[1] Minkejja illi fir-rapport tiegħu lill-Maġistrat Inkwirenti, l-istess Spettur jgħid illi nhar l-Erbgħa, 17 ta' Mejju 2017, għall-ħabta tad-8.40 a.m., il-Pulizija tal-Għassa ta' San Pawl il-Baħar ġew infurmati li fi Triq ir-Rizzi, San Pawl il-Baħar, kien hemm persuna maskili, mixħuta fl-art f'għadira demm f'parapett ta' lukanda abbandunata[2], PS 1462 Joseph Attard jixhed fir-rigward bil-mod segwenti:

> Xhud; Sur Magistrat nhar is-17 ta' Mejju tal-2017 jien kont xoghol first watch l-ghassa tal-Qawra u <u>ghal habta tas-sitta u nofs ta' filghodu ircevejna telefonata</u> li gewwa Triq Ir-Rizzi instabet persuna mixhuta mal-art kollha demm.
>
> Pros; Triq ir-Rizzi fejn please?
>
> Xhud; Triq ir-Rizzi qeghda kantuniera ma' Triq it-Tamar fejn hemm il-lukanda abbandunata bl-isem ta' Palm Court Hotel dak iz-zmien
>
> Pros; Il-lokalita` fejn?
>
> Xhud; San Pawl. Il-Qawra. Morna fuq il-posta (*recte*: post) u sibna dan il-persuna maskili wicci (*recte*: wiċċu) fl-art gewwa l-parapett tal-imsemmija lukanda ...[3] [sottolinear ta' din il-Qorti]

13. Dan id-dettal jirriżulta wkoll mir-rapport tal-Pulizija redatt mill-istess PS 1462 Joseph Attard <u>fid-8.43 a.m.</u> tas-17 ta' Mejju 2017:

---

[1] Ara a fol. 201 tal-atti proċesswali.
[2] Ara a fol. 37 u 206 tal-atti proċesswali.
[3] A fol. 195 tal-proċess.

> Illum 17/05/2017 ghal habta tas-06.30hrs il-Pulizija tal-Qawra rciviet telefonata mill-isptar Mater Dei kif ukoll minn persuna mnizzla bhala pfr li fi triq ir-Rizzi hemm persuna fl-art.
>
> Il-Pulizija marret immedjatament fuq il-post fejn fi triq ir-Rizzi kantuniera ma triq it-Tamar setghet tigi innutat persuna go parapett ta' lukanda abbandunata b'wiccu l-isfel f'ghadira demm ...[4]

14. L-istess jixhed PC 217 Italo Mizzi dwar il-ħin li fih sar ir-rapport:

> Xhud; Fis-17 ta' Mejju 2017 <u>ghal habta tas-sitta u nofs ta' filghodu</u> dahlilna rapport dahal is-Surgent propjament infurmani s-Surgent illi kien hemm persuna mal-art fl-inhawi fi Triq Rizzi. Morna fuq il-post ahna mal ewwal (*recte: mill-ewwel*)
>
> Pros; F'liema lokalita' jekk joghgbok?
>
> Xhud; Qed nitkellmu fuq il-Qawra. Morna mall-ewwel fuq il-post ahna l-Pulizija u mal-ewwel stajna ninnutaw li kien hemm persuna bid-demm madwarha mal-art. ... sadanittant jien inzilt biex nittawwal naqra fejn dan il-gisem hemmhekk u deher li kien ishu (*recte: qisu*) bla hajja. Ftit tal-hin wara waslet it-Tabiba mill-Policlinic tal-Mosta kif ukoll waslet l-Ambulanza fejn iccertifikat li l-persuna kien bla hajja ... [5] [sottolinear tal-Qorti]

15. Dan ifisser illi kuntrarjament għal dak li ġie mniżżel fir-rapport tal-Ispettur Godwin Scerri lill-Maġistrat Inkwirenti, ir-rapport lill-Pulizija tal-Għassa tal-Qawra diġa` kien daħal fis-6.30 a.m., bil-vittma jiġi ċċertifikat mejjet fuq il-post ftit tal-ħin wara mit-tabiba li waslet fuq il-post miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta. Hawnhekk irid jingħad ukoll illi minkejja li l-appellant ġie mixli bir-reat ta' omiċidju involontarju ossia talli kkaġuna l-mewt ta' Dennis Reid Monaghan fit-termini tal-Artikolu 225(1) tal-Kodiċi Kriminali, nhar is-17 ta' Mejju 2017, għall-ħabta tad-9.00 a.m., anke l-Uffiċjal Prosekutur jagħti x'jifhem mix-xhieda tiegħu illi l-mewt ma seħħx fil-ħin hekk indikat, meta fil-fatt jgħid hekk:

---

[4] A fol. 198 *et seq* tal-proċess.
[5] A fol. 220 tal-atti.

> Bhala issuspettajna li dan l-incident seta sehh ftit tas-sieghat qabel, qabel ma telghet sewwa x-xemx ghax fejn kien ma tantx kien jidher mit-triq pero' jekk tittawwal madwar hames, sitt filati 'l isfel inti stajt tara lil dan il-persuna. [sottolinear ta' din il-Qorti]

16. Dan ukoll jindika illi l-mewt in kwistjoni ma seħħitx għall-ħabta tad-9.00 a.m. Iżjed sinjifikanti minn hekk għall-pern tal-kwistjoni odjerna, hija r-relazzjoni tal-espert Dr. Mario Scerri, maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti sabiex "*bhala espert mediko-legali jaghmel l-ezamijiet kollha relevanti ghal kaz u jirrelata bil-miktub dwar ir-rizultanzi tieghu*" lill-istess Maġistrat Inkwirenti[6]. Mill-istess relazzjoni jirriżulta illi l-imsemmi espert wasal fuq il-post tal-inċident nhar is-17 ta' Mejju 2017 fid-8.45 a.m.[7], wara li ġie nfurmat bil-każ mill-Ispettur Godwin Scerri, fejn eżamina l-kadavru ta' Dennis Monaghan Reid. Mill-istess relazzjoni jirriżulta wkoll illi "*rigor mortis kien prezenti fil-muskoli kollha tal-kadavru*", kif ukoll illi "*hypostasis kien prezenti fuq l-aspett anterjuri tal-kadavru fuq dak il-partijiet inferjuri u dipendenti li ma kienux suggetti ghal-pressjoni tal-kadavru fuq il-mejda tal-gebel. Dan il-hypostasis kien ta' kulur vjola u kien fiss*".[8] Minn dawn ir-riżultanzi, l-istess espert ikkonkluda:

> 5. Illi mill-evidenza ta' *rigor mortis* li kien prezenti fil-muskoli kollha u ta' *hypostasis* li kien fiss, l-esponent huwa tal-opinjoni illi **Monaghan** kien ilu mejjet madwar tnax-il siegha mill-hin tal-ezami medikolegali [9] [sottolinear ta' din il-Qorti]

17. Għalhekk la darba l-espert Dr. Mario Scerri aċċeda fuq il-post in kwistjoni fid-8.45 a.m., dan ifisser illi skont l-istess espert, il-mewt ta' Dennis Monaghan Reid ma seħħitx nhar is-17 ta' Mejju 2017, u ċertament mhux għall-ħabta tad-9.00 a.m. tal-istess jum, iżda nhar is-16 ta' Mejju 2017, ossia jum qabel id-data ndikata fiċ-ċitazzjoni, li permezz tagħha l-

---

[6] Ara a fol. 63 tal-atti, formani parti mill-proċess verbal esebit a fol. 26 tal-proċess.
[7] Ara a fol. 40 tal-atti proċesswali.
[8] A fol. 52 tal-atti.
[9] Ara a fol. 59 tal-proċess.

Prosekuzzjoni xliet lill-appellant bir-reat ta' omiċidju involontarju. In kwantu għar-risposta tal-Avukat Ġenerali dwan dan l-aggravju, irid jingħad li l-esperti Dr. Ali Sarfraz u l-Prof. Marie Therese Camilleri għamlu l-awtopsja fuq il-kadavru ta' Reid nhar id-19 ta' Mejju 2017 ossia ben jumejn wara li nstab l-istess kadavru u għalhekk meta rreferew għad-data tal-mewt tal-vittma bħala li kienet dik tas-17 ta' Mejju 2017, huma x'aktarx kienu qegħdin jistrieħu fuq informazzjoni li ġiet mgħoddija lilhom minn ħaddieħor, kif *del resto* jirriżulta minn dak li rrelataw fis-sezzjoni tar-relazzjoni tagħhom taħt l-intestatura "*Circumstances of Death*" fejn kitbu s-segwenti: "*... **Apparently** he went for a walk early in the morning and fell a few metres because the boundary wall was missing*" [enfasi ta' din il-Qorti]; fattur dan li ma jirriżulta minn imkien mill-atti probatorji. Jingħad ukoll illi filwaqt li l-Prof. Camilleri u Sarfraz kienu nkarigati sabiex jistabbilixxu l-kawża tal-mewt tal-vittma, il-mansjoni tal-espert mediko-legali kienet dik li jagħmel l-eżamijiet kollha relevanti għall-każ u kien proprju mill-eżami mediko-legali tiegħu, li huwa seta' jasal għall-ħin tal-mewt. Dan l-istess eżami jxejjen jew tal-inqas jixħet dubji serji in kwantu dak riżultanti miċ-ċertifikat tal-mewt tal-istess Dennis Monaghan Reid, iffirmat mill-Prof. Marie Therese Camilleri, u dan fis-sens illi l-mewt tal-istess Reid seħħet fis-17 ta' Mejju 2017 fis-7.00 a.m.[10], u ċertament illi jitfa' dubji serji u raġjonevoli dwar id-data u l-ħin li għalihom tirreferi l-ewwel imputazzjoni fiċ-ċitazzjoni odjerna.

18. L-Artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta jaqra bil-mod segwenti:

> Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu, jew li jistgħu jingħataw ...

19. Illi fis-sentenza tat-18 ta' Ottubru 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Mary Briffa**, f'liema każ l-appellant ġie akkużat b'reati li allegatament seħħew għall-ħabta tas-7.30 p.m., fil-waqt illi l-provi kienu juru li l-inċident in kwistjoni seħħ għall-ħabta tas-7.30 a.m., ingħad hekk minn din il-Qorti, kif diversament preseduta:

[10] Ara dan id-dokument a fol. 108 tal-atti proċesswali.

*L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat <u>tnax-il siegha</u> wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat fl-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta'" tindika hin approssimattiv u tinkludi hin <u>vicin</u> dak imsemmi fl-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament.*

20. Din il-posizzjoni ġiet ukoll segwita minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, f'sentenzi oħrajn, inkluż dawk fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Warren Piscopo</u>** u **<u>Il-Pulizija vs Rita Theuma</u>**, it-tnejn deċiżi fid-19 ta' Ottubru 2011. Fl-ewwel minn dawn is-sentenzi, il-Qorti rreferiet għal sentenza oħra tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri), fejn ingħad hekk dwar ċirkostanzi simili għal dawk ċitati iżjed 'il fuq:

> 7. Fis-sentenza moghtija fis-17 ta' Marzu 2008 minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Nicolai Magrin** li kienet tirrigwarda eccezzjoni mqajma mid-difiza quddiem l-ewwel Qorti ta' *ne bis in idem* li giet milqugha minn dik il-Qorti izda rigettata minn din il-Qorti li allura rrevokat is-sentenza appellata, din il-Qorti kkummentat hekk:
>
> **"Illi din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li dan l-incident kollu seta' gie evitat kieku l-Ispettur Prosekutur fl-ewwel kawza, appena ntebah li kellu zball fil-hin li kien indikat fil-komparixxi, talab korrezzjoni biex iz-zewg ittri 'am.' jinbidlu u jigu sostitwiti biz-zewg ittri 'pm.' Dan seta' jsir tempestivament kieku l-prosekutur kien 'alert' bizzejjed u l-Ewwel Qorti zgur li kienet tilqa' t-talba ghal tali korrezzjoni u, f'kaz li ma tilqaghhiex, tali decizjoni kienet tkun appellabbli. Dan pero` ma sarx meta seta' u kellu jsir fl-ewwel process.**

21. Stabbiliti dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali u applikati għall-każ odjern, huwa ċar għalhekk illi l-appellant kellu jiġi lliberat mill-ewwel imputazzjoni kif dedotta kontra tiegħu, billi din tirreferi għal data u ħin, li

żgur ma jirriżultawx ippruvati, fil-grad rikjest mil-liġi, mill-atti probatorji. Anzi l-provi proċesswali juru illi l-mewt in kwistjoni x'aktarx seħħet nhar is-16 ta' Mejju 2017, ferm qabel il-ħin indikat mill-Prosekuzzjoni fiċ-ċitazzjoni odjerna. Minkejja illi r-relazzjoni tal-espert Dr. Mario Scerri, ġiet maħlufa minnu nhar is-26 ta' Ġunju 2017, u għalhekk ferm qabel ġiet ippreżentata ċ-ċitazzjoni odjerna fil-25 ta' Ottubru 2018, il-Prosekuzzjoni xorta waħda xliet lill-appellant talli kkawża l-mewt ta' Dennis Monaghan Reid nhar is-17 ta' Mejju 2017, għall-ħabta tad-9.00 a.m. Stante illi l-Avukat Ġenerali huwa, f'dan l-istadju, prekluż milli jitlob il-korrezzjoni meħtieġa sabiex tiġi sanata ċ-ċitazzjoni odjerna, m'hemmx dubju illi l-imputazzjoni kif dedotta kontra l-appellant ma tistax tissussisti għaliex ma jirriżultax ippruvat, lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, illi l-appellant ikkommetta r-reat addebitat lilu fid-data u fil-ħin indikati fiċ-ċitazzjoni.

22. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti qegħda tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant, b'dan għalhekk illi m'huwiex neċessarju illi din il-Qorti tinoltra ruħha fir-rimanenti aggravji mqajma minnu.

**DECIDE**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet suesposti, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell interpost minn **Albert BORG** u filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata illi permezz tagħha lliberat lill-appellant mill-addebitu tar-reċidiva, tirrevokaha u tħassarha in kwantu l-istess appellant instab ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, tirrevokaha wkoll in kwantu ġie kkundannat għal piena ta' sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin u ġie ordnat iħallas l-ispejjeż peritali, u minflok tiddikjarah mhux ħati tal-istess imputazzjoni u għalhekk tgħaddi sabiex tilliberah minn kull ħtija u piena dwar l-istess.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**